MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 4/2012

**Wembley Crane Hire Limited [C-5773]**

**vs**

**F.G.S. Construction Limited [C-17794]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fl-10 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand is-socjeta intimata, tas-somma ta' elf mija wiehed u sittin euro u tnax-il centezmu ta' euro [€1,161.12] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-socjeta attrici qed titlob lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' elf mija wiehed u sittin euro u tnax-il centezmu (€1,161.12c) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' servizzi rezi lill-konvenuta li baqa ma thallasx.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 22 ta' Settembru, 2011 u bl-imghax skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar is-17 ta' Settembru, 2012, nhar it-12 ta' Ottubru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-12 ta' Ottubru, 2012 u l-fatt li s-socjeta intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf mija wiehed u sittin euro u tnax-il centezmu ta' euro [€1,161.12], bl-imghax kif mitlub mid-data ta' meta l-ammont kien dovut.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------